



Brussell, 14 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12799/19

COLAC 66
CFSP/PESC 750

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12794/19 COLAC 65 CFSP/PESC 749	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nikaragwa - Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Ottubru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nikaragwa, kif adottati mill-Kunsill Affarjiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Ottubru 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IN-NIKARAGWA**Kunsill Affarijiet Barranin, 14 ta' Ottubru 2019**

1. L-Unjoni Ewropea (UE) tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tagħha tal-21 ta' Jannar 2019, kif ukoll f'diversi dikjarazzjonijiet li saru minn April 2018 'l hawn, fejn esprimiet it-tħassib tagħha dwar is-sitwazzjoni politika u soċjali li sejra għall-aġar fin-Nikaragwa u kkundannat bil-qawwa r-ripressjoni mill-forzi tas-sigurtà u gruppi armati progovernattivi kontra avversarji politiċi, dimostranti, mezzi tax-xandir indipendenti u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li ilha għaddejja minn April 2018. Hija qieset bħala mhux aċċettabbli l-użu ta' liġijiet kontra t-terroriżmu biex wieħed jippersegwita u jikkriminalizza opinjonijiet kontra. L-UE affermat ukoll id-determinazzjoni tagħha li tuża l-istrumenti kollha tagħha biex tappoġġa soluzzjoni paċifika u negożjata għall-kriżi u l-intenzjoni tagħha li ssegwi s-sitwazzjoni fil-pajjiż mill-qrib biex tirreaġixxi għal aktar deterjorament tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
2. Sa mill-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Jannar 2019 'l hawn is-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza demokratika għadha ferm inkwetanti. Miżuri istituzzjonali u leġiżlattivi adottati bl-iskop iddikjarat ta' rikonċiljazzjoni, bħal-Liġi dwar l-Amnestija adottata mill-Assemblea Nazzjonali tan-Nikaragwa f'Ġunju, ġew imposti mingħajr konsultazzjonijiet u ma jikkonformawx mal-prinċipji internazzjonali rilevanti. Ir-rapport tal-Grupp ta' Esperti Indipendenti dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mit-18 ta' April 2018 'l hawn ma ġiex segwit. Il-ġarr tar-responsabbiltà huwa element importanti għall-verità, il-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni. Passi pożittivi fil-ħelsien ta' għadd sostanzjali ta' prigionieri politiċi ma ġewx akkumpanjati mill-implimentazzjoni tat-totalità tal-ftehimiet ta' Marzu 2019 bejn il-gvern u l-Alleanza Ċivika, partikolarment dwar l-istabbiliment mill-ġdid tad-drittijiet ċivili u politiċi. Ir-rifjut kontinwu tal-gvern li jissokta d-djalogu mal-oppożizzjoni jagħti sinjal negattiv dwar ir-rieda tiegħu li jsib triq paċifika u demokratika biex joħroġ mill-kriżi.

3. Bħala konsegwenza, u flimkien mal-isforzi politiċi u diplomatiċi li għaddejjin biex jappoġġaw il-ġustizzja u d-demokrazija, il-Kunsill illum iddeċieda li jadotta qafas għal miżuri restrittivi mmirati. Bil-qafas adottat jista' jittieħed approċċ gradwali u flessibbli fir-rigward ta' deżinjazzjonijiet individwali restrittivi għal projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar u ffriżar tal-assi kif xieraq. Jistgħu jinżiedu deżinjazzjonijiet speċifiċi f'każ li jkomplu l-istaġnar u d-deterjorament tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, jew jitneħħew f'każ ta' passi pożittivi u deċiżivi. L-UE tissottolinja li l-miżuri restrittivi tagħha huma mmirati u huma mfassla biex ma jagħmlux ħsara lill-popolazzjoni tan-Nikaragwa.
4. F'dan il-kuntest, l-UE tfakkar fit-tliet oqsma ewlenin li fihom jeħtieġ li jsir progress tanġibbli sabiex jinħolqu l-kondizzjonijiet għal ħruġ paċifiku u demokratiku mill-kriżi: 1) l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet tad-29 ta' Marzu 2019 biex jissaħħu d-drittijiet u l-garanziji ċivili u politiċi, inkluż l-istabbiliment mill-ġdid tal-libertajiet politiċi u l-istatus legali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili pprojbiti, ir-ritorn volontarju u sikur ta' persuni eżiljati u l-ħelsien tal-priġunieri politiċi li fadal u t-tneħħija tal-akkużi kontribom. Dan ifisser ukoll li jitwaqqaf il-fastidju u l-intimidazzjoni ta' priġunieri politiċi meħlusa u tal-familji tagħhom u li jiġu ggarantiti s-sikurezza u l-integrità fiżika tagħhom. 2) kooperazzjoni sħiħa ma' u r-ritorn ta' korpi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa, inkluż l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) u l-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (IACHR); u 3) ftehim dwar riformi elettorali u istituzzjonali bejn il-gvern u l-oppożizzjoni, inkluż l-Alleanza Ċivika mmirata biex tiggarantixxi elezzjonijiet ġusti u trasparenti.
5. L-UE tappella b'urġenza lill-gvern tan-Nikaragwa u lill-partijiet kollha biex b'mod kostruttiv jerġgħu jimpenjaw ruħhom fi djalogu nazzjonali sinifikanti, orjentat lejn ir-riżultati u komprensiv, inkluż dwar l-adozzjoni ta' riformi elettorali skont l-istandards internazzjonali bħala pass essenzjali biex terġa' tinkiseb il-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi. L-UE tinsab lesta li tipprova l-appoġġ tagħha jekk il-partijiet jitolbu dan.
6. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tkompli taħdem għal soluzzjoni paċifika għall-kriżi attwali u li tappoġġa lill-poplu tan-Nikaragwa biex jissodisfa l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet urġenti tiegħu.